# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' April, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 932/00mm**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Maria Sharon Pace**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u disa' liri Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm309.59) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta'

mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lill-konvenuta mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mis-17 ta' Dicembru, 1997, sat-23 ta' Ottubru, 1999.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali kontra konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-2 ta' April 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Anthony Zammit
Dep Reg